Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 2 ta' Frar 2001.

Avviz Nru: 1339/00

Bank of Valletta p.l.c

Vs

Toby Farrugia

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-Bank attur talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija disgha u tletin Liri Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm439.48c) bilanc ghad-debitu fil-`Loan Account' tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok `A1') flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'April 2000 sal-jum tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Gunju, 2000 (Dok `B') u tal-Mandati ta' Sekwestru u Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li semghet bil-gurmanet lil PL Joseph Zammit prodott mill-Bank attur ssib illi t-talba attrici tirrizulta gusitifikata u timmerita konferma; u ghaldaqstant qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma mitluba ta' erbgha mija disgha u tletin lira u tmienja u erbghin centezmi (Lm439.48c) ghar-ragunijiet kollha ndikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mil-1 ta' April 2000 .

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg